**11 ta' Diċembru, 1958**
**Imħallef :—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Onor. Edgar Cuschieri ne.

*versus*

Nobbli Baruni Nicolino Trapani Galea et.

**Passaġġ — Spejjeż ta' Tiswija.**

*Sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, l-estensjoni ta' passaġġ li jagħti għal diversi għelieqi għandha tkun dik neċessarja għall-bżonnijiet tal-fond interkjuż, u kwindi skond l-eżiġenzi tal-koltivazzjoni tiegħu, fosthom it-trasport bil-karrettun. U l-ispejjeż tat-tiswija ta' dak il-passaġġ għandhom jitqassmu skond l-estensjoni tad-diversi għelieqi li għalihom jikkonduċi l-passaġġ, u mhux ukoll skond il-mod kif dawk l-għelieqi jibbenefikaw mill-istess passaġġ.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-13 ta' April 1956, li fiha jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-imsejħin fil-kawża, u li biha ġie deċiż illi x-xogħolijiet meħtieġa għall-eżerċizzju tasservitù tal-passaġġ in kwistjoni għandhom isiru tant millattur kemm mill-kontendenti l-oħra, fil-proporzjon talvantaġġ rispettiv, u sabiex tkun aċċertata din il-proporzjoni u l-ispiża li għandha ssir ġie nominat l-I.C.A. Alberto L. Vassallo bħala perit tekniku; l-ispejjeż baqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni, issottometta:— (a) Illi l-ispiża għar-rikostruzzjoni tal-passaġġ "de quo" tammonta għal £62, bażata fuq xogħol bil-ġurnata ta' tnejn minn nies bil-prezz korrenti tal-mano d'opera; (b) illi din l-ispiża, fuq il-bażi ta' £2 għal kull tomna fuq estensjoni ta' 31 tomna raba', għandha tinqasam filproporzjon segwenti:— (i) l-għalqa tal-Gvern, tal-estensjoni ta' 21 tomna u nofs, £41; (ii) l-għalqa tan-Nobbli

Baruni Trapani Galea, tal-estensjoni ta' sitt itmien u nofs, £13; (iii) l-għalqa tal-werrieta ta' Filippo Micallef, tal-estensjoni ta' tliet itmien, £6; (iv) u l-għalqa ta' Giuseppe Micallef "id-Dajlau", estensjoni ta' tomna, £2; (c) issottometta wkoll illi, jekk l-ispiża effettiva tkun iżjed jew anqas minn £62, il-proporzjon għandha tibqa' dejjem skond l-estensjoni tal-tondi rispettivi;

Illi l-istess perit, imsejjaħ mill-Qorti, spjega bil-ġurament illi, għalkemm fi-imsemmija relazzjoni kien iddikjara illi l-erbgħa għelieqi għandhom il-passaġġ tagħhom bil-karrettun mill-isqaq għar-raba' in kwistjoni, din iċ-ċirkustanza huwa ddeżumiha mill-wisa' ta' dak il-passaġġ, u anki mill-fatt illi, meta mar fuq il-post, l-inkwilin tar-raba' tal-Gvern kellu karrettun f'dak l-isqaq. Di pjù, il-perit irrileva illi l-isqaq ma jasalx sar-raba' tal-Gvern, imma sar-raba' tal-Baruni Trapani Galea, jiġifieri sal-punt markat mill-Qorti b'salib aħmar fil-pjanta fol. 67, u għalhekk il-gabillot tal-Gvern ikun jista' jħalli l-karrettun f'dak il-punt u jkun fil-qrib għat-trasport tal-bżar u tal-prodotti;

Illi l-attur, fin-nota tiegħu fol. 73, issottometta illi, peress li l-passaġġ għar-raba' tal-Gvern huwa bir-riġel u bil-bhima wara, mentri għall-għelieqi l-oħrajn il-passaġġ huwa bil-karrettun, il-perit ġudizzjarju jmissu ħa in konsiderazzjoni mhux biss l-estensjoni tad-diversi għelieqi li għalihom jikkonduċi dak il-passaġġ, imma wkoll il-mod differenti kif l-għelieqi jibbenefikaw mill-istess passaġġ. Evidentement, l-attur ma rrealizzax illi l-passaġġ ma jgħaddix minn fuq ir-raba' tal-Baruni Trapani Galea, tant li Carmelo Abela, gabillot tar-raba' tal-Gvern, seta' jixhed illi ma kienx jista' jgħaddi bil-karrettun sal-għalqa tal-Baruni, unikament għaliex parti mill-ħajt li jsostni l-passaġġ huwa mwaqqa' (fol. 33 tergo). Għalhekk ma għandux importanza l-fatt li minn fuq ir-raba' tal-Baruni għal dak tal-Gvern il-passaġġ huwa bir-riġel u bil-bhima wara; u ladarba mill-passaġġ in kwistjoni sa fejn jispiċċa qiegħed isir użu anki bil-karrettun mid-detenturi tar-raba' tal-kontendenti kollha, ma hemm xejn li tbiddel fil-konklużjoni raġġunta mill-perit;

Illi sakemm ma tinġiebx il-prova kuntrarja, l-esten-

sjoni tal-passaġġ għandha tkun dik neċessarja għall-bżonnijiet tal-fond interkjuż (bħal ma hu dak tal-Gvern), u kwindi skond l-eżiġenzi tal-koltivazzjoni tiegħu, fosthom it-trasport bil-karrettun; b'mod li, kif josserva Baudry, "*il proprietario ritragga dal suo fondo tutta l'utilità che questo fondo comporta, e che possa coltivarlo come se non fosse interchiuso*" (Dei Beni, § 1046). F'dan is-sens hija wkoll id-dottrina taljana (Borsari, Commentario Codice Civile, art. 593, § 1203; Arcieri, Istituzioni di Diritto Civile, Vol. *III*, paġ. 399; u Digesto Italiano, Passaggio (diritto di), § 23);

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tar-relazzjoni peritali;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur *nomine*, billi tikkundanna lill-konvenuti u lill-imsejħin fil-kawża jagħmlu (flimkien mal-istess attur) ir-riparazzjonijiet meħtieġa fil-ħajt in kwistjoni, fil-proporzjon stabbilita mill-perit ġudizzjarju fl-imsemmija relazzjoni; u dan fi żmien erbgħa xhur mil-lum, u taħt id-direzzjoni tal-istess perit, li qiegħed jiġi għal dan l-iskop inkarigat;

U jekk jonqsu, tilqa' t-tieni talba, billi tawtorizza lill-attur nomine jagħmel hu dawk ir-riparazzjonijiet a spejjeż tal-konvenuti u tal-imsejħin fil-kawża, ripartibbli dejjem fil-proporzjoni fuq imsemmija, u dejjem taħt id-direzzjoni tal-perit fuq inkarigat;

L-ispejjeż relattivi għas-sentenza . . . . .;

Tirriżerva, fl-aħħarnett, li tagħti kull provvediment eventwali in konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.